**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**

**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Paul Buttigieg**
**Marcia Borg**

Numru: 3/2018

Illum 20 ta' Lulju 2018

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Paul Buttigieg,** ta' erbgha u hamsin (54) sena, iben Patrick u Gemma nee' Xerri, imwieled Pieta', Malta fl-1 ta' April 1963, residenti fil-fond numru 135, Triq il-Kuncizzjoni, Qala, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 218163(M) u **Marcia Borg** ta' tnejn u erbghin (42) sena, bint Michael Rapa u Theresa nee' Meylaq, imwielda l-Awstralja fis-17 ta' Jannar 1975, residenti fil-fond 'Sugar Cane', Triq l-Indipendenza, Qala, Ghawdex u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 308091(M),

Akkuzati Paul Buttigieg fil-kapaċita' tiegħu personali u/jew bħala Sindku u persuna responsabbli fil-Kunsill Lokali tal-Qala u Marica Borg fil-kapaċita' tagħha personali u/jew bħala Segretarju Eżekuttiv u

persuna responsabbli fl-istess Kunsill talli matul il-gurnata ta' nhar it-18 ta' Lulju 2017 fi Triq il-Kunċizzjoni, Qala u/jew f'dawn il-Gzejjer:-

1. talli b'nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti involontarjament ikkagunaw offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Buttigieg skont kif iccertifika Dr. Julian Portelli M.D. mill-Isptar Generali ta' Ghawdex u dan ai termini tal-Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9;

2. U aktar talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi u/jew fix-xhur ta' qabel naqsu milli jħarsu s-saħħa u sigurta' tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini tal-Artikoli 6(1)(2) tal-Att 27/2000 Kapitolu 424;

3. U aktar talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuni li jħaddmu naqsu li jagħmlu, jew li jiżguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, suffiċenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurta' kollha li jistgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, inkluz dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża u dan ai termini tal-Artikolu 10(1) tal-A.L. 36/03 (S.L. 424.18);

4. U aktar talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuni li jħaddmu naqsu milli jaraw li kull ħaddiem jirċievi taħriġ adegwat fuq is-saħħa u s-sigurtà, partikolarment fil-forma ta' informazzjoni u istruzzjonijiet speċifiċi għall-istazzjon tax-xogħol u għax-xogħol assenjat fil-mument tal-ingaġġ, fil-każ ta' trasferiment jew bidla fit-tip ta' xogħol, fil-każ ta' introduzzjoni ta' tagħmir tax-xogħol ġdid jew bidla fit-tagħmir, mal-introduzzjoni ta' xi teknoloġija ġdida u/jew mal-introduzzjoni

ta' prassi tax-xogħol ġdida tal-Artikolu 14 tal-A.L. 36/03 (S.L. 424.18);

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni, tal-Parte Civile u tadd-Difiza kif gej:

PL David Saliba (OHSA);
Dr. Joshua Grech (ghall-parte civile);
Dr. Joe Giglio (ghad-difiza tal-imputati fil-kapacita' taghhom ta' Ufficjali tal-Kunsill Lokali Qala);
PL Peter Paul Zammit (ghal imputat Paul Buttigieg kif imharrek personalment).

**Xhieda**

F'dan il-process xehdu 7 xhieda:

*Norbert Ciappara (a fol. 7 et seq.), Joseph Buttigieg (a fol. 37 et seq.), Anthony Azzopardi (a fol. 47), Marcell Tabone (a fol. 48 et seq.), Anthony Debono (a fol. 52 et seq.), Marcell Tabone (a fol. 68 et seq.) u l-imputat Peter Buttigieg (a fol. 77 et seq.).*

**Il-fatti specie tal-kaz**

Ix-xhud **<u>Norbert Ciappara</u>** *Occupational Health and Safety Officer* xehed li:

> Fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju tas-sena l-oħra (2017) kont tlajt Għawdex biex ninvestiga aċċident li kien seħħ fit-tmintax (18) ta' Lulju ta' dak ix-xahar stess. Irriżultali mir-

rapport illi kien daħal l-għassa tar-Rabat, Għawdex fid-dsatax (19) ta' Lulju, illi fit-tmintax (18) ta' Lulju waqt li kien qiegħed isir xi xogħol ta' grass cutting ġewwa Triq il-Kunċizzjoni u fil-viċinanzi tagħha wkoll minn ċertu Paul Buttigieg, Joseph Buttigieg kien sofra xi ġrieħi gravi meta ntlaqat bil-grass cutter li kien qed jopera Paul Buttigieg. Sussegwentement fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju kont kellimt lil Joseph Buttigieg li kien għadu rikoverat l-isptar ta' Għawdex fejn huwa qalli illi kien jagħmel xogħol li jiknes it-toroq u dakinhar tal-aċċident, jiġifieri fit-tmintax (18) ta' Lulju kien qallu s-Sindku Paul Buttigieg biex imur miegħu fl-area li tagħti għal Ħondoq, it-triq li tagħti għal Ħondoq, li hija Triq il-Kunċizzjoni, u wara li qatgħu xi ħaxix u naddfu Joseph kien qallu li kien hemm xi area minnhom li kien hemm xi qasab, hemm xi triq li tagħti għal Triq il-Mejġa, kien hemm xi qasab li kienu ħerġin għat-triq u peress li kienu qed jaħbtu mal-karozzi staqsih jekk jistgħux jaqtgħuhom u huwa u Paul Buttigieg marru flimkien f'dik l-area biex jaqtgħu dawn il-qasab. Sussegwentement huwa qalli illi meta kien dar fuq in-naħa tal-lemin ta' Paul Buttigieg ħin minnhom Paul Buttigieg li kien qed iħaddem il-grass cutter, kien qed jaqta', il-grass cutter dar lejh u qallu 'Ara x'għamiltli!" u laqtu f'idu x-xellugija, però laqtu f'idu u sofra diversi ġrieħi li kellu bżonn intervent anke ta' operazzjonijiet mill-isptar.

Dakinhar stess ukoll kont kellimt lil Paul Buttigieg fl-għassa tar-Rabat, Għawdex. Kien ġie jiltaqa' miegħi hemmhekk fejn

kont għidtlu li ser inkellmu fuq l-istess każ li kienu kellmuh diġà l-pulizija. Hu qalli meta staqsejtu jekk kienx hemm risk assessment rigward ix-xogħol li kienu qed jagħmlu, hu qalli li huwa ma kienx ilu sindku.

[…]

Jien imbagħad peress li huwa ma kienx jaf għax qalli li ma kienx ilu sindku u ried jiċċekkja, jiena kont ktibt lill-Kunsill Lokali tal-Qala. Mela fis-sebgħa (7) ta' Awwissu tal-elfejn u sbatax (2017) kont ktibt lill-Kunsill Lokali tal-Qala, attenzjoni lis-Sur Paul Buttigieg li kien jidher bħala s-sindku, u lis-segretarja ġenerali Marcia Borg, fejn ai termini tal-Att 27 tas-sena elfejn (2000) section 17 kont tlabt kopja tat-training records li ngħataw Paul Buttigieg rigward xi training rigward Health and Safety, kopja ta' any records ta' training li l-Kunsill Lokali jagħti lill-impjegati tiegħu rigward l-użu tal-grass cutters, kopja ta' any standing operation procedures ta' safe methods statements of work fl-użu tal-grass cutter, kopja tal-operating manual tal-grass cutter, kopja tar-risk assessment, u biex jappuntaw persuna kompetenti ai termini tal-Avviż Legali 293 tal-elfejn u sittax (2016) biex jiċċertifika dan l-equipment, il-grass cutter, li huwa safe biex jerġa' jintuża, u li jkun hemm fuqu wkoll safe method system of work kif jintuża.

Niftakar li kont irċevejt telefonata u email ukoll mingħand Dr Renata Farrugia f'isem il-Kunsill Lokali, fejn kienet talbitni estensjoni taż-żmien li kont tajthom jiena biex jagħmlju dawn l-affarijiet – għax jiena kont tajthom sat-tnax (12) ta' Awwissu – peress li kienet ġejja l-festa ta' Santa Marija u ħafna, kif qaltli hi wkoll, ħafna min-nies ikunu qegħdin bil-vaganzi. Għaldaqstant jiena kont tajt estensjoni ta' dan id-deadline.

Kont irrealizzajt illi jien bi żvista kont kwotajt, meta tlabt ir-risk assessment kont kwotajt in-numru tal-Legal Notice ħażin, għamiltu 93 tat-two thousand and three (2003) flok 36, u kont bgħatt fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Awwissu ittra oħra fejn għamilt ukoll correggendum tal-ewwel ittra oriġinali u identifikat li jien ridt nirreferi għar-risk assessment skont il-Legal Notice 36 tat-two thousand and three (2003).

Kont irċevejt erġajt email oħra mingħand Dr Renata Formosa fejn fiha ukoll ġie indikat illi, din l-email intbagħtet fit-tmintax (18) ta' Settembru two thousand and seventeen (2017), fejn kien indikat lili "Anness ma' din l-email għandek issib rapport relatat mal-grass cutter", dak li kont tlabt jiena. "Risk assessment dan qatt ma sar, u sejrin ngħaddulek wieħed sal-aħħar ta' Settembru." U fil-fatt imbagħad kienu għamluh, ir-risk assessment imbagħad kienu għamluh wara. U qed nippreżenta kopja wkoll ta' din iċ-chain of emails.

Fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Awwissu jiena kont erġajt kellimt ukoll b'mezz ta' telefown lis-segretarja eżekuttiva Marcia Borg tal-Kunsill Lokali tal-Qala fejn kont tlabtha meta jien nista' niġi nara l-grass cutter u neħodlu xi ritratti. Hija qaltli li l-grass cutter ma kienx qiegħed għandha għax kien qed iżommu s-Sindku Paul Buttigieg, però qaltli li kienet diġà qed tikkomunika miegħu peress li anke l-persuna li kienu qabbdu biex jiċċertifikah ried jarah. Sussegwentement dakinhar fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Awwissu Paul Buttigieg li qed ngħarfu hawnhekk fl-awla kien ġabu u quddiem il-Kunsill tal-Qala kien ħareġ il-grass cutter mill-karozza fejn jiena ħadtlu diversi ritratti u se nesebixxi kopja tagħhom.

Fuq il-grass cutter inniffsu hemm sensila ta' sinjali relatati mas-safety tal-użu tal-grass cutter. Waħda minnhom, prominenti ħafna, hija illi tindika illi ma għandux ikun hemm persuni viċin iktar minn ħmistax-il metru (15m) minn min ikun qiegħed jaħdem bih, jew ħamsin (50) pied. Qed nippreżenta vera kopja ta' dawn ir-ritratti li ħadt jien fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017). Irrid ngħid ukoll illi l-Kunsill Lokali tal-Qala kien bagħtli wkoll kopja tal-manual, tal-operating manual tal-grass cutter, fejn kien jirreferik ħafna għas-signs li kien hemm fuqu, rigward safety kien jirreferik fuq is-signs li kien hemm fuq il-grass cutter, kif ukoll bagħtuli kopja tal-inspection report u tas-Safe Method Systems of Work kif wieħed għandu juża dan il-grass cutter fejn l-enġinier Matthew

Cauchi, warrant number 1176, kien ukoll indika hawnhekk illi persuna viċin dan il-grass cutter, jew min kien qiegħed jaqta' b'dan il-grass cutter, għandu jżomm ħmistax-il metru (15m) 'l bogħod minn persuni oħra minħabba riskju li xi ħadd jista' jweġġa'. Irrid ngħid ukoll rigward training records li qatt ma rċevejt.

Ix-xhud **<u>Joseph Buttigieg</u>** spjega:

Fit-tmintax (18) ta' Lulju, fi Triq il-Kunċizzjoni, għas-sebgħa, is-sebgħa u kwart (7.00 – 7:15). Aħna morna naqtgħu l-ħaxix,

<u>Sur David Saliba għall-OHSA:</u>

Meta tgħid aħna, aħan min aħna?

<u>Xhud</u>:

Jien u s-Sindku, għax jien u s-Sindku konna.

<u>Sur David Saliba għall-OHSA:</u>

Sewwa.

<u>Xhud</u>:

U morna naqtgħu l-ħaxix ġo sqaq ħdejn il-knisja tal-Kunċiżżjoni, bużbież u ħaxix li jun hemm mal-ġnub. Ħlisna u morna fuq in-naħa ta' barra lejn il-Pjazza, baqgħet il-Kunċizzjoni stess it-triq jisimha. U ipparkjajna hemmhekk ħalli mmorru naqtgħu sqaq ieħor, rajna l-qasab, kien mixħit għan-nofs it-triq, u morn a naqtgħuh. Qata' qisu sitt (6) qasbiet u dar fuqi, jien ħsibtu dar biex ikellimni, imma l-qasab ħadlu l-mutur minn idu għax minn fuq iċ-ċint.

<u>Il-Qorti</u>:

Jiġifieri l-qasab ħadlu l-mutur.

Xhud:

Minn idu.

Il-Qorti:

Minn idu.

Xhud:

Għax kien qiegħed jaqta' fl-għoli.

Imbagħad għidtlu "Il-Madonna x'għamiltli!" U hu qalli "Mhux għal t'apposta, mhux għal t'apposta!" U jien għidtlu "Ċempel l-ambulanza". U beda jitriegħed, kien se jħossu ħażin, bħali, u jien imxejt żewġ passi 'l fuq u nara raġel u għajjatlu u għidtlu "Ċempel l-ambulanza." U fis-siegħa u l-ħin toħroġ oħtu u r-raġel tagħha u ċempluli għall-ambulanza. Tawni siġġu u poġġejt bilqegħda, rabtuni minn hawn għal hawn u tawni tazza ilma u xarrbuli wiċċi.

Il-Qorti:

Sewwa. Issa inti hemmhekk minn bagħtkom xogħol?

Xhud:

Jien lili sabni t-Tnejn filgħaxija l-pjazza –

Sur David Saliba għall-OHSA:

Min?

Xhud:

Paul, is-Sindku u għajjatli ġol-pjazza u qalli "Għada mmorru naqtgħu l-ħaxix?" u jien għidtlu "Immorru."

Il-Qorti:

Imma inti taħdem ma' xi taqsima?

Xhud:

Jien kennies proprja kont.

Il-Qorti:

Sewwa.

Xhud:

Bil-pala u bl-ixkupa kont jien.

Sur David Saliba għall-OHSA:

Inti qatt ġejt infurmat dwar l-andament tax-xogħol li kien qed isir dakinhar?

Sur David Saliba għall-OHSA:

Mela inti dakinhar xi ħadd tak xi struzzjonijiet?

Xhud:

Jien is-Sindku qalli "Ejja miegħi."

Sur David Saliba għall-OHSA:

Imma qallek għal xhiex?

Xhud:

Biex naqtgħu l-ħaxix bil-mutur.

Sur David Saliba għall-OHSA:

U inti dakinhar qtajt ħaxix?

Xhud:

Jien ma naqtax ħaxix. Hu jaqta' l-ħaxix.

Sur David Saliba għall-OHSA:

U inti x'tagħmel?

Xhud:

Bl-ixkupa u bil-pala.

**Kontro eżami:**

Avukat Dr Joseph Giglio:

Domanda waħda jekk jogħġbok. Ngħid tajjeb li inti tifforma parti mill-iskema ta' ħaddiema –

Il-Qorti:

Tal-Kommunità?

Xhud:

Iva.

Il-Qorti:

Community Workers Scheme.

Avukat Dr Joseph Giglio:

Ngħid tajjeb ukoll li inti l-persuna li jħaddmek, mingħand min tirċievi l-paga, min hija eżatt? Min iħallsek lilek?

Xhud:

Iċ-ċekk jiġi l-bank, imma tiġi s-sample tal-Community Workers.

Avukat Dr Joseph Giglio:

Ngħid tajjeb li s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Qala taf min hi?

Xhud:

Min hi?

Avukat Dr Joseph Giglio:

Din il-mara taf min hi?

Xhud:

Iva. Marcia.

Avukat Dr Joseph Giglio:

Qatt kellmitek fuq dan il-ħaxix? Qatt tatek xi struzzjonijet biex –

Xhud:

Le, lanqas kienet taf.

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI

### Preliminari

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar

tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mill-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

**Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li ma humiex prevvisti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali. <u>Il-Qorti tappella biex f'dan il-kaz il-parte civile Joseph Buttigieg ma jithalliex wahdu u jinghata l-ghajnuna kollha medika u finanzjarja ghall-incident sfortunat li kellu waqt li kien qieghed jahdem permezz ta' wahda mill-iskemi ta' xoghol li hawn f'pajjizna.</u>**

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilita u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri

u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li

trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-

ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il- Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI**

**<u>Il-Kuncett ta' Negligenza</u>**

Fid-dottrina u l-gurisprudenza kontinentali jezistu zewg teoriji partikolari dwar il-kuncett ta' negligenza: it-teorija hekk imsejha oggettiva u dik suggettiva. It-test ghat-teorija oggettiva mhux wiehed li hu immirat biex jistabilixxi jekk il-persuna ipprevedietx jew setghetx tipprevedi dak l-incident fil-*fatti specie* partikolari tal-kaz izda jekk l-agir ta' dik il-persuna jaqax taht l-obbligu ragjonevoli ta' attenzjoni li kull persuna fis-socjeta` hija prezunta

li ghandu jkollha f'cirkostanza partikolari. Min-naha l-ohra t-teorija suggettiva tenfasizza li wiehed jista' jitkellem fuq agir negligenti jekk ikun hemm nuqqas f'li wiehed ikun *alert* jew vigilanti bil-limitazzjonijiet tieghu personali f'dak il-kaz partikolari.

Il-Kodici Kriminali taghna fl-artikoli 225,[1] 226[2] u 328[3] jitkellem fuq *"nuqqas ta' hsieb, traskuragni, nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti".* Ma tezisti l-ebda

---

[1] Artikolu 225: *"Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn erba' snin jew multa mhux izjed minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87)."*

[2] L-Artikolu 226 jirreferi ghall-offizi li ma jwasslux ghall-mewt izda jarrekaw biss hsara gravi jew hafifa fuq il-persuna ta' l-individwu: *"Jekk minhabba l-fatti imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan issir offiza fuq il-persuna, l-akkuzat, meta jinsab hati, jehel - (a) jekk l-offiza tkun gravi u ggib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sena jew multa mhux izjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin ewro centezmi (€4658.75); (b) jekk l-offiza tkun gravi minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin ewro centezmi (€2329.37); (c) jekk l-offiza tkun hafifa, il-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet. (2) Fil-kazijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(c), il-procediment jista' jittiehed biss fuq kwerela tal-parti offiza.*

[3] L-artikolu 328 jaqra: *"Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna hruq, jew jaghmel xi hsara jew ihassar jew jgharraq xi haga, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jehel, meta jinsab hati - (a) jekk minhabba f'hekk tigri l-mewt ta' persuna, il-piena stabbilita fl-artikolu 225; (b) jekk minhabba f'hekk xi hadd ibati offiza gravi fuq il- persuna, li tkun iggib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37); (c) jekk minhabba f'hekk xi hadd ibati offiza gravi minghajr il-konsegwenzi hawn fuq imsemmija, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew multa mhux izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69); (d) f'kull kaz iehor, il-piena ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet: Izda fil-kazijiet imsemmijin fil-paragrafu (d), hlief meta l-hsara tkun kagunata fi proprjetà pubblika, jistghu jittiehdu procedimenti biss bil-kwerela tal-parti offiza."*

spjegazzjoni tat-termini *"nuqqas ta' hsieb u traskuragni"*; madanakollu dawn generalment huma mehudin li jfissru bhala nuqqas ta' attenzjoni u ta' tehid ta' prekawzjonijiet li kienu mistennija f'cirkostanzi partikolari. Fir-rigward tat-termini *"nuqqas ta' hila fl-arti u professjoni tieghu"* u *"nuqqas ta' tharis ta' regolamenti"*, l-implikazzjoni ta' dawn il-frazijiet huma pjuttost cari u ma jhallu lok tal-ebda interpretazzjoni. Sakemm l-agir negligenti ma jinkwadrax ruhu taht xi wahda mill-parametri stabbiliti minn dawn l-artikoli tal-ligi, persuna ma tkunx tista` tigi misjuba hatja ta' negligenza ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-azzjoni kriminali. Inoltre tali agir negligenti jrid ikun per forza wassal sabiex giet arrekata hsara lill-persuna jew inkella xi proprjeta`. Dan ghaliex fl-artikoli 225, 226 u l-artikolu 328, il-hsara lill-persuna jew lill-proprjeta` hija indikata bhala wahda mill-elementi kostituttivi tar-reat.

Il-Kodici taghna huwa ibbazat fuq il-Kodici Taljan tal-1889. Fil-kummentarju tad-disposizzjonijiet relattivi ghal negligenza ta' dan il-Kodici, awturi Taljani dejjem qiesu li ghandu jigi applikat it-test suggettiv.[4] Jekk wiehed iqis it-termini uzati fil-ligi taghna u cioe` *"nuqqas ta' hsieb u traskuragni"*, wiehed jista' jinnota li dawn huma termini li qeghdin jirreferu direttament ghall-attitudni soggettiva ta' min ikun hati tar-reat. Huwa necessarju ghalhekk li wiehed jindika jekk ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz kinux

[4] Ara Impallomeni, Vol III, pg 1662

jippermettu lill-persuna involuta li tintebah bil-konsegwenzi tal-agir taghha.

Il-gurista Sir Anthony Mamo, fin-Noti tieghu, jispjega illi ghalkemm il-frazijiet *"nuqqas ta' hsieb"* u *"traskuragni"* mhumiex moghtija definizzjoni mil-ligi pero' jkompli jghid li *"it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances"*[5].

Il-Professur Mamo jkompli jsostni li, *"the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen"*[6]. Sabiex jenforza t-tezi tieghu, Mamo jaghmel referenza ghat-taghlim ta' Francesco Carrara, u jikkwotah kif segwenti – *"Il non aver previsto la conseguenza offensiva sconfina la colpa dal dolo. Il non averla potuto prevedere, sconfine il caso dalla colpa"*[7].

Antolisei, fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Penale (Parte Generale)*, jaghmel ukoll referenza ghal Carrara, u jghid hekk:

> *"Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimo tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e*

[5] *Lectures in Criminal Law*, Vol 1, pg 69
[6] ibid, pg 67 (sottolinear fit-test originali)
[7] ibid, pg 68 (sottolinear fit-test originali)

*prevedibili del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'".*[8]

Din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Richard Grech***[9] gie deciz li jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun <u>prevedibbli</u>, ghalkemm <u>mhux prevista</u>: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pozittiva indiretta.

Fl-istess sentenza gie ritenut dak li kien diga ntqal fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli***[10], fejn saret ukoll, fost l-ohrajn, referenza ghal Giorgi:

*"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-*

[8] Antolisei, *Manuale di Diritto Penale (Parte Generale)* (Giuffre', 1997, 14 ed) 364
[9] *Pulizija vs Richard Grech* (Appell Kriminali, 21/03/1996, De Gaetano)
[10] *Pulizija vs Perit Louis Portelli* (Qorti Kriminali, 04/02/1961, Kollez XLV.iv.870, Flores)

*regolamenti – li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.*

*Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46)"*

## Il-kuncett tal-*bonus pater familias*

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz il-**Pulizija v. Kevin Sammut**[11] fit-23 ta' Jannar 2009. F'din id-decizjoni l-Prim Imhallef Vincent Degaetano jidhol fid-dettal dwar il-kuncett tal-*bonus pater familias* u xi jkollu f'mohhu bniedem ta' intelligenza ordinarja:

[11] App Nru 192/08

Fi kliem iehor, il-kwistjoni tibqa' dejjem dik ta' x'kellu verament f'mohhu l-agent fil-mument li wettaq l-att materjali u mhux x'seta' kellu f'mohhu li kieku kien bniedem ta' intelligenza ordinarja jew ta' sagacja ordinarja jew – biex wiehed juza l-espressjoni uzata mill-ewwel qorti – kieku kien *bonus pater familias*. Argument analogu (u fil-kuntest ta' reati differenti) gie elaborat minn din il-Qorti (kollegjalment komposta) fis-sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et**. F'dik is-sentenza nghad hekk:

**Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – <u>jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att</u> – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att. Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu *The Criminal Law of Scotland* [12]:**

**"Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the**

[12] W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978.

jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay down a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."[13]

U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza *"is advertent and involves foresight of the risk"*[14] u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:

[13] Para. 7.28, pp. 232-233.
[14] Para. 7.45, p. 241; "…negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight."

**"When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall[15] says,** ***'In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a*** **method** ***used to determine those operative facts in the minds of normal persons'*****.**

**"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who**

[15] Hall, J., ***General Principles of Criminal Law*** 2nd ed., Indianapolis, 1960, p. 120.

kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In *Robertson and Donoghue* Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that 'In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (*ex hypothesi*) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."[16]

[16] Gerald Gordon, *op. cit.* para. 7.53, pp. 245-246.

**Responsabbilta vikarja**

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> *"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

Illi minn qari akkurat tat-tahrika mahruga fil-konfront tal-imputati jirrizulta illi l-partikolarijiet taghhom gew indikati korrettament sabiex b'hekk ma hemm l-ebda dubju dwar l-identita' taghhom. Lanqas ma hemm dubju dwar in-natura tar-reat jew reati li jinsabu akkuzati bihom fl-imsemmija tahrika. Jirrizulta izda illi dawn ir-reati gew addebitati lilhom bhala rapprezentanti ta' korp guridiku kif imfisser fl-akkuzi bhal fatt illi il-vesti li fiha qed jigu mharrka huwa bhala Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Qala rispettivament kif ukoll personalment.

Illi dwar ir-responsabbilta' vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

> **"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun**

**persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."**

Dan ifisser allura illi ir-responsabbilta' kriminali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili. Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l-imputati jigu iccitati fil-vesti ta' Sindku jew Segretarju Ezekuttiv jew in rapprezentanza ta' xi Kunsill Lokali. Bizzejjed li jigi citat b'mod car ghal dak li jirrigwarda l-konnotati taghhom personali u li mill-korp tal-akkuza jkun jidher car li qed jigu mharrka jew akkuzati minnhabba r-responsabbilta' vikarja taghhom bhala ufficjali tal-korp. Dak li jrid jirrizulta mill-provi, izda hu li fil-fatt huma kienu ufficjali tal-korp li tiggestixxi l-post fejn ikun sar ir-reat jew inkella xoghol ordnat minnhom u li huma allura qed jigu akkuzati ghal din ir-raguni.

Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici** [26.5.1995][17]:-

*"Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att*

[17] Onor. Prim' Imhallef Emeritus Dr. V. De Gaetano

*dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f' kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu."*

**Izda**:

*"….meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment,* ***fl-imputazzjoni jew fl-akkuza*** *– mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza –* ***ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imsejjah biex iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tieghu****. Jekk mhux ghal xi haga ohra, tali indkazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu.*[18]"

Stabbiliti dawn il-principji ta' dritt in konnessjoni mar-responsabbilta' vikarja li jista' ghandhom l-imputati ghall-akkuzi dedotti fil-konfront taghhom, jibqa ghalhekk biex jigi determinat jekk giex ippruvat illi fil-vesti taghhom kif indikat fl-akkuza huma jistghux jinzammu responsabbli ghall-incident li sehh gewwa l-Qala b'xi att ta' kommissjoni jew ommissjoni.

[18] App. Inf. Il-Pulizija vs Patrick Vella – deciza 31/08/2006

## Imputazzjonijiet dwar sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol[19]

Rigward l-imputazzjoni marbuta mas-sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizja vs John Magro**:[20]

> Illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni bbazata fuq l-artikolu 6 (1) tal-Kap. 424, din hi manifestament pruvata ghaliex irrizulta li ma sarx ir-*risk assessment* li hija wahda mill-mizuri li jridu jittiehdu minn kull *employer* biex jizgura li jinzammu l-livelli ta' protezzjoni tas-sahha u sigurta' skond l-art. 6 (1) (2) (a) (b) (c) (d) (e) tal-Kap. 424. Tajjeb li jigi rilevat li skond il-proviso ghas-subartikolu (1) l-obbligi tal-haddiema fil-qasam tas-sahha u sigurta' fuq il-postijiet tax-xoghol ma ghandhomx jeffettwaw il-principju tar-responsabbilta' ta' min ihaddem. Ghalhekk anki jekk jirrizulta - kif indubbjament irrizulta f'dan il-kaz - li Farrugia kien hu stess il-kagun ta' dak li gralu bil-fatt li inkonsultament ipprova jiftah *plug* meta kien "*live*", dan xorta ma jezimix lill-appellati mir-responsabilta' taghhom bhala *employers* min-nuqqasijiet taghhom skond din il-ligi specjali.

[19] Il-Qorti rat sentenzi varji moghtija mill-Magistrat Donatella Frendo Dimech dwar dan is-suggett fosthom Il-**Pulizija vs Maurice Attard** deciza fit-30 ta' Novembru 2016, Il-**Pulizija vs Anthony Calleja et.,** deciza fit-2 ta' Dicembru 2016 u Il-**Pulizija vs Norbert Grixt**i deciza fit-2 ta' Dicembru 2016.

[20] App. Krim. Nru 149/2008, 11 ta' Dicembru, 2008. Onor. Imhallef Dr J. Galea Debono

L-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Angelus Bartolo u Omissis** iddikjarat:[21]

> Illi l-artikolu 6 tal-Kap. 424 jindika x'mizuri ghandhom jittiehdu biex jigu evitati danni fizici w psikologici, korrimenti jew mewt fuq il-postijiet tax-xoghol li huma bazati fuq il-principji generali ta' prevenzjoni. Fost dawn insibu: - li jigi evitat kull riskju; l-identifikazzjoni ta' perikoli assocjati max-xoghol; l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati; l-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati w li jittiehdu l-mizuri necessarji kollha biex jirriducu r-riskji kemm ikun ragonevolment prattiku, inkluz li jitbiddel dak li huwa perikoluz, b'dak li ma jkunx perikoluz jew li jkun anqas perikoluz .
>
> Illi l-Qrati Inglizi investew il-kwistjoni ta' x'mizuri ta' prekawzjoni jridu jittiehdu taht il-Factories Act (li ghandu xi dispozizzjonijiet simili ghall-Kap.424) li jkunu *"reasonably practicable"* u gie ritenut li din il-frazi *"seems to imply that a computation must be made by the owner, in which the quantum of risk is placed on one scale and the sacrifice involved in the measures necessary for averting the risk (whether in money, time or trouble) is placed in the other and that if it be shown that there*

[21] App. Krim. Nru. 123/2006, 11 ta' Jannar, 2007. Onor. Imhallef Dr J. Galea Debono

*is a gross disproportion between them – the risk being insignificant in relation to the sacrifice – the defendants discharge the onus on them. The onus of proving that it is not reasonable practical to provide a safety measure is on the person on whom the duty is imposed."* **"Walter,Wilson &. Son v.Summerfield"** [1956] 1W.L.R.1429). F' **"Gibson v. British Insulated Calender's Construction Co. Ltd** [1973] S.L.T. 2 (H.L.) gie ritenut li *"it is now firmly established that the burden of proof to establish that he had taken all reasonable practicable steps rests on the employer to discharge."* (Ara **CHARLESWORTH** "ON NEGLIGENCE" 6th. edit. pp.1152-1153). [emfazi ta-Qorti]

Dik il-Qorti imbaghad kompliet:

Fis-sistema penali taghna, il-*contributory negligence* tat-terz ma tezonerax lill-akkuzat mir-responsabbilta' kriminali sakemm ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru **"Il-Pulizija vs. P.Vassallo."** (App. Krim. Vol. XXXVIII,iv.p.883) Kif jghid **O.C. MAZENGARB** fil-monografija tieghu "Negligence on the Highway" (Butterworth's Edit.1962 p.327), citat b'approvazzjoni fl-Appell "Camilleri vs.Cutajar" [9.12.1968] *"If the defendant's conduct is itself negligent, he will not be heard to say that his negligence would not have resulted in damage unless somebody else had also been negligent. So long as the damage complained of is the natural and direct outcome of the original negligence, the wrongful*

*interference of another will not relieve the defendant from responsibility."*

**Fatti li rrizultaw f'dawn l-atti**

Issa meta qieset kollox, din il-Qorti se taghmel apprezzament ta' fatt u tasal ghall-konkluzjoni skont ic-cirkostanzi kollha migbura fil-process.

M'hemmx dubju illi dan l-inċident sfortunat seħħ u m'hemmx dubju lanqas illi konsegwenza ta' dan l-inċident sfortunat kien hemm persuna illi weġġgħet.

Il-punt huwa r-responsabiltà penali għax din il-Qorti issa għandha dover illi li tistabilixxi responsabbiltà penali. Illi r-raġuni prinċipali għalfejn l-OHSA għażlu illi jixlu lis-Sindku u lis-Segretarju eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Qala fil-vesti tagħhom bħala sindku u fil-vesti tagħha bħala segretarju eżekuttiv, skattat minn dak illi jghid l-artiklu 27 tal-kapitlu 363 l-Att tal-Kunsilli Lokali.

L-artiklu 27 jagħti rappreżentanza legali u ġuridika lil dawn it-tnejn minn nies. Il-punt però ta' dak l-artiklu huwa li r-rappreżentanza ġuridika u legali qed itiha f'ambitu ċivili.

Il-punt kollu hawnhekk huwa mhux l-artiklu 27 tal-Kapitlu 363, iżda f'responsabbilta' penali, mhux ir-responsabbilta' ġuridika u legali, iżda l-Att dwar l-Interpretazzjoni fejn u f'liema kuntest joħloq responsabbilta' vikarja penali.

Il-Prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat fil-vesti taghhom differenti, ghaliex jidher li huma stess ma kienux certi f'liema vesti se jressqu lill-imputati. Veru li f'pajjizna l-aktar f'Ghawdex issib persuni jilbsu kpiepel differenti imma huwa d-dover tal-prosekuzzjoni li taghmel il-*homework* sewwa qabel jigu quddiem din il-Qorti u jkunu certi minn dak li qeghdin jaghmlu.

F'dan il-kaz u kazijiet ohra l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol trid ukoll thares id-drittijiet ta' dawk investigati u taghtihom id-drittijiet taghhom. Ma tistax tiehu dikjarazzjonijiet, stqarrijiet, telefonati u korrispondenza minghajr ma taghti t-twissijiet b'mod car lil dawk li qeghdin ikunu investigati bid-drittijiet taghhom.

F'dan il-kaz ghandek persuna li kif inghad fil-kawza huwa s-Sindku tar-rahal tal-Qala izda rrizulta li x-xoghol li kien qieghed iwettaq kien dak ordnat lilu mis-CMU tad-Dipartiment tal-Progetti u l-Izvilupp tal-Ministeru ghal Ghawdex u mhux bhala Sindku tal-lokalita'[22]. Sallum is-Sindki m'humiex impjegati *full time* tal-Kunsill imma jircievu onorarja ghal hatra li ghandhom.

Jirrizulta wkoll li l-persuna li ndarab gravament fl-incident kien haddiem tal-Community Workers Foundation li l-indirizz taghha qieghed il-Hamrun[23] u ghalhekk ma kienx impjegat mal-Kunsill Lokali tal-Qala. Jista' jkun li kien qieghed iwettaq hidma fil-

[22] Dok PD fol. 35 u xhieda moghtija minn Anthony Debono l-Manager inkarigat mis-CMU
[23] Dok MT 1 a fol. 50 et . seq

konfini tal-Kunsill Lokali tal-Qala izda ma kienx impjegat tal-Kunsill tant Cirkolari Numru 48/2016 mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali taghmilha cara li *"l-haddiema ma humiex impjegati tal-Kunsilli Lokali u ghaldaqstant inhass li ghandu jigi negozjat kuntratt fuq bazi nazzjonali, fejn kien hemm qbil sew mill-operatur kif ukoll minn Jobplus."*[24]

Fil-process il-Proskusszjoni naqset li ggib il-prova li Paul Buttigieg u Marcia Borg huma s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Qala ghaliex ix-xhud li gabu bhala prova kien ic-Chief of Staff tas-Segretarju Parlamentari. Prova ta' dawn il-karigi ma ssirx billi jitharrek *person of trust* ta' politiku li qieghed fil-kariga b'"cens temporanju" izda rapprezentant tad-Direttur tal-Gvern Lokali.

Mela ma jista' jkollok ebda ness f'dan il-kuntest mal-Kunsill Lokali tal-Qala jekk dipartiment partikolari indipendenti u separat mill-Kunsill Lokali tal-Qala għandu persuna illi qiegħed itiha struzzjonijiet biex taħdem u qed taħdem skont dawk l-istruzzjonijiet.

M'hemm assolutament ebda konnessjoni ħlief illi l-OHSA qed tghid li l-*grass cutter* involut fl-incident kien proprjeta' tal-Kunsill. Mill-provi jirriżulta illi xi sentejn ilu din il-*grass cutter* proprjeta' tal-Kunsill, ingħata l-awtoriżżazzjoni Paul Buttigieg sabiex

[24] Dok PD2 a fol. 34 et seq.

jagħmel xogħol bih meta jkun qiegħed jaħdem fi ħdan is-CMU. Mill-provi mkien ma hareg li l-Kunsill Lokali tal-Qala kien qiegħed jagħti struzzjonijiet biex isir dak ix-xogħol partikolari f'din il-ġurnata partikolari li wassal għal dan l-inċident sfortunat.

Il-Prosekuzzjoni li f'dan il-kaz tmexxiet kwazi totalment minn rapprezentant tal-OHSA ma pprezentatx lista ta' haddiema li ghandu l-Kunsill Lokali tal-Ql-ala u allura kif wiehed jakkuza lil xi hadd li naqas li jharreg lill-haddiema meta fl-atti lanqas ingabet prova li hemm haddiema mal-Kunsill. L-OHSA haditha *for granted* u baqghet tiggustifika sal-ahhar li l-midrub kien impjegat ta' Paul Buttigieg meta mkien ma rrizulta dan. La Paul Buttigieg u lanqas Joseph Buttigieg ma huma jew kienu impjegati tal-Kunsill Lokali tal-Qala u allura l-akkuzi li hemm marbuta mal-Kunsill Lokali tal-Qala ma jreggux.

Ma jistax jinghad illi hemm provi sufficjenti in atti lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi x-xoghol li kien ghaddej fil-konfini tal-Qala kien ordnat mill-Kunsill Lokali tal-Qala. Kif jixhed ix-xhud **Anton Debono**[25] inkarigat mill-*Construction and Maintenance Unit* fil-Ministeru ta' Ghawdex:

*Il-Qorti:*
*Issa ċertu Paul Buttigieg inti taf min huwa Paul Buttigieg?*
*Xhud:*
*Iva.*

[25] Seduta tat-28 ta' Frar 2018

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Paul Buttigieg jaħdem miegħek?*

*<u>Xhud</u>:*

*Iva, qiegħed fis-sezzjoni tagħna.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Fejn jaħdem mela?*

*<u>Xhud</u>:*

*Is-CMU, Construction and Maintenance Unit.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Issa rigward xogħolijiet dan, l-instructions, insa l-kariga li għandu, bħala xogħol proprja nkarigat magħkom.*

*<u>Xhud</u>:*

*Iva.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Issa mhux ser insaqsik il-ħin li jaħdem għax ma nsaqsihiex lill-Għawdxin, kemm jaħdem filgħodu u fi xħin jidħol u xħin joħroġ, sewwa? Jiġifieri x-xogħol li jagħmel, inti tqassmu jew?*

*<u>Xhud</u>:*

*Le, le, aħna inkarigajnih li jieħu ħsieb l-area ta' Ħondoq ir-Rummien.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Sewwa.*

*<u>Xhud</u>:*

*U l-area akwati tagħhom, jiġifieri bejn il-Qala, jiġifieri l-Qala u hekk.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Jiġifieri intom dan ix-xogħol li tajtuh mhux għax huwa s-Sindku tal-Qala.*

<u>*Xhud*</u>*:*

*Le, le,*

<u>*Il-Qorti*</u>*:*

*Imma għax jaħdem mat-taqsima tagħkom.*

<u>*Xhud*</u>*:*

*Le, għax hu jaħdem mat-taqsima tagħna, iva.*

[...]

<u>*Avukat Dr Joshua Grech*</u>*:*

*Tispjegalna ftit kif taħdem is-sistema?*

<u>*Xhud*</u>*:*

*Aħna s-CMU hija Construction and Maintenance Unit li jkollna ħafna xogħol mal-Kunsilli. U Paul huwa l-aktar bniedem addattat fuq il-Ħondoq jiġifieri kulħadd jaf. Li hu jiġifieri jaħdem hemmhekk. Jiġifieri x-xogħol tiegħu dejjem ikun apprezzat, jiġifieri jaħdem ħafna u jgħin.*

Ix-xhud Marcell Tabone rapprezentant ta' Jobsplus spjega:

<u>*Spettur Bernard Charles Spiteri*</u>*:*

*Iva, rigward biex tgħid x'impjieg għandu Joseph Buttigieg.*

<u>*Xhud*</u>*:*

*Mela fis-sena elfejn u sbatax (2017) mal-Community Works Foundation, mill-ewwel (1) ta' Marzu tal-elfejn u sittax (2016) bħala cleaner full time.*

Il-grad tal-prova milhuqa mill-prosekuzzjoni allura ma hijiex sufficjenti fil-kamp penali biex twassal ghall-kundanna tal-imputati jew ta' xi wiehed minnhom billi ma jirrizultax b'mod car li xi hadd minnhom kien responsabbli ghal dan is-sinistru u ghalhekk qeghdin ikunu illiberati mill-akkuzi kollha fil-vesti taghhom ta' Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Qala kif ukoll personalment.

**DECIDE**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti mhux qed issib lill-imputati Paul Buttigieg u Marcia Borg hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontrihom kemm fil-kapacita' ufficjali taghhom kif ukoll personalment u minnhom tilliberahom.

---

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**